UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA

# il-Gżejjer

It-Tlettax-il Sena 1/84

*F'Xandira mill-Parlament nhar l-Erbgħa 21 ta' Diċembru 1983*

# IL-PRIM MINISTRU DOM MINTOFF IKELLEM LILL-POPLU MALTI



"Fit-tarf ta' din is-sena l-poplu Malti għandu jħoss sodisfazzjon kbir li minkejja t-taqlib, it-tempesta kbira internazzjonali, pajjiżna, din is-sena li għaddiet tipparagunha ma' ħaddieħor sofra mill-inqas.

"U bħalma hu veru li l-ebda bniedem wieħed m'hu gżira, m'hu maqtugħ waħdu u ħajtu tiddependi fuq bnedmin oħra, hekk hu veru wkoll li l-ebda gżira ma hija dinja; u li kull nazzjon illum jiddependi ħafna għall-għixien tiegħu minn kif mexjin nazzjonijiet oħrajn.

"Allura aħna ma nistgħux f'daqqa waħda naħsbu li għax għandna Moviment Soċjalista, għax għandna l-HELSIEN, f'daqqa waħda naħsbu li dak kollu li jiġri fid-dinja, lilna mhux se jmissna. Aħna għandna noqogħdu attenti bħal kulħadd li jgħix f'din id-dinja, bħal kull nazzjon, sabiex l-għawġ jolqotna mill-inqas. Dan qed ngħidu kemm għal-lum u kemm għal dak li ġej ukoll, għax meta d-dinja għaddejja minn waħda mill-aqwa riċessjonijiet . . . . jiġifieri li miexja lura minflok 'il quddiem, li l-kummerċ fid-dinja minflok qed jiżdied, qed jonqos. U hekk ukoll aħna bħala pajjiż meta l-affarijiet fid-dinja jkunu mexjin 'il quddiem xi ħaġa ngawdu u meta jkunu mexjin lura xi ftit imissna. Mhux veru li aħna messitna fi żmenijiet li kienu jixtiequ l-għedewwa tal-poplu Malti ġewwa Malta stess. Dawn kienu qed jgħidu li qed tmissna minn sentejn u nofs, tliet snin ilu. Aħna konna ngħidu: Le mhux veru, għad mhux qed tmissna. Ma naqtgħux qalbna. Għax jekk taqta' qalbek imbagħad iktar tmissek, imbagħad mhux tmissek hi biss, tmiss lilek innifsek int ukoll għax timrad b'qalbek. Aħna s'issa ma messitniex daqskemm misset lil ħaddieħor. X'inhi r-raġuni li aħna ngħidu: Illum kif jidhru l-affarijiet s'issa, għaddejna mill-agħar tat-tempesta? Għaliex ngħidu hekk? Ngħidu dan biex nidħku bin-nies? Ngħidu dan biex nidħku bina nnifisna? Ngħidu dan għax aħna nies irresponsabbli mingħajr m'għandna provi? Ħa naraw!

"L-ewwelnett aħna fil-bidu tas-sena sa' Marzu, April kellna ruħna ħierġa minn ħalqna għax konna qed naraw li bħala Gvern bil-ħniena konna qegħdin inlaħħqu, ma' l-ispejjeż li deħlin fihom għaliex naqsilna x-xogħol, għaliex naqsilna l-kummerċ, għaliex naqsulna l-'exports' jiġifieri naqsilna l-bejgħ tal-prodotti li aħna nibgħatu barra minn Malta. Għaliex naqsilna t-turiżmu. Allura x'ġab miegħu dan? Dan ġab miegħu ħafna nies li l-Gvern għandu d-dmir li

jgħin imma jrid isib il-flus biex igħinhom, u kellna żmenijiet li konna qed naħsbu li minflok is-sena se nispiċċawha biex nibbilanċjaw, se nispiċċaw li din is-sena nispiċċawha b'telf ta' Lm11, Lm13-il miljun. U aħna li bnejna Malta ġdida mibnija fuq is-Servizzi Soċjali . . . .

## Servizzi Soċjali

"X'jiġifieri dawn is-servizzi soċjali?

"Jiġifieri f'Malta min hu b'saħħtu jrid jaħdem għal min mhuwiex. Min hu b'saħħtu jrid jaħdem għal min hu żgħir. Min hu b'saħħtu jrid jaħdem għal min irid jeduka ruħu, għal min qed nagħllmuh; min hu b'saħħtu jrid jaħdem għal min hu marid għax meta se jmur l-isptar dan irid min ifejqu. Allura malli jonqsulna dawn n-nies li qed jaħdmu, tonqsilna l-forza biex nagħmlu dawn l-affarijiet.

## Il-Pensjonijiet

"Waħda mill-ispiżi kbar nett li għandna llum — u dawn huma spejjeż ġodda għal pajjiż żgħir bħalna, hija dik tal-pensjonijiet. Din waħda mill-affarijiet li rridu naħdmu għalihom kull wieħed minna li għadu jaħdem sa llum. Waħda mill-affarijiet li kull wieħed minna qed jerfa' għal dawk li diġà ħadmu, u kull wieħed minna mbagħad minn dawn li jibqgħu ħajjin, jiġi merfgħuh minn dawk li jiġu jaħdmu warajna. Jekk kmieni fil-ħajja tagħna kien ikollna biex nibdlu, innaqsu, minn din l-għajnuna li nagħtu x-xjuħ, għalina kienet tkun daqqa mmensa u llum għandna għalfejn nifirħu li dan ma kellniex għalfejn nagħmluh is-sena li għaddiet, li minn din ħrabna, li waqt li ġnus oħra b'saħħithom iktar minna, xjuħ iktar minna, intelliġenti — (għax l-esperjenza ġġib l-intelliġenza wkoll) — iktar minna, kellhom jagħmlu dawn l-affarijiet, aħna minn dan kollu ma kellna nagħmlu xejn u għaddejna mingħajr ma kellna nagħmlu dan is-sagrifiċċju li għalina kien ikun wieħed mill-akbar li tista' timmaġina fiż-żmenijiet tal-lum. U dan għaddejnih. U mhux kwistjoni ta' opinjoni imma ta' fatti. Wieħed jekk jara x'fadlilna fil-kaxxa ta' Malta jaf x'qala' l-poplu tagħna u x'ħareġ u la qala' biżżejjed biex jagħmel tajjeb għal dak li ħareġ allura ma kellniex għalfejn aħna innaqsu la ta' wieħed u lanqas ta' l-ieħor.

> ***"Min hu b'saħħtu jrid jaħdem għal min mhuwiex. Min hu b'saħħtu jrid jaħdem għal min hu żgħir . . . . għal min qed nagħllmuh . . . . għal min hu marid."***

## Price Freeze

"Mhux dan biss imma. Aħna waqt li konna qegħdin nagħmlu dan irnexxielna — u ta' dan aħna kburin, kollha kemm aħna l-Maltin kollha, anki dawk li għamlu l-ħsara lil-pajjiżna fil-frattemp, u għad insemmihom jien — li l-ewwel nies fl-Ewropa, l-ewwel poplu fl-Ewropa li mhux biss żamm il-'price freeze', u nsemmi l-prezzijiet l-ewwel jien għax kull darba jsemmu l-'wage freeze' u ħadd ma jsemmi din l-imbierka 'price freeze'. Aħna konna nkunu diżonesti, konna nkunu mhux Insara, ma konniex inkunu Soċjalisti, ma konniex inkunu veru Maltin, kieku meta żammejna li jitilgħu l-pagi ma żammejniex ukoll — u qabel kollox — li ma jogħlewx il-prezzijiet. Għax inti ma tistax tippretendi li tgħolli l-prezzijiet mingħajr ma tgħolli l-pagi. Biex tasal f'dik irid ikollok raġunijiet ferm serji. Meta naslu f'dik irridu nnaqsu minn ta' kulħadd, ħalli kulħadd iħoss ftit. Imma minn dan kollu ma għamilna xejn għax irnexxielna anke f'din is-sena tant diffiċli għal kulħadd aħna kważi l-uniku pajjiż — biex ma niftaħarx iż-żejjed, għax ma nafx jien min irnexxielu jagħmel din—li rnexxielna li nżommu l-prezzijiet l-istess u rnexxielna aktar li dawn il-prezzijiet inbaxxuhom. Allura waqt li aħna veru esiġejna xi sagrifiċċji żgħar, fis-sens li kien hemm xi 'overtime' li tneħħa , huwa veru wkoll li l-prezzijiet baxxejnihom.

"U ma baxxejniex xi prezzijiet li ma jolqtux lil kulħadd. Għax inti tista' tbaxxi l-prezzijiet ta' l-ajruplani, imma min ma jivvjaġġax bl-ajruplan m'hu qed igawdi xejn. Inti tista' tbaxxi l-prezzijiet tal-video, tista' tbaxxi prezzijiet tat-'television', imma min diġà xtraħ m'hu se jgawdi xejn. Aħna baxxejna affarijiet li minnhom, gawda kulħadd. L-ewwel ma baxxejna aħna, l-aktar ħaġa importanti, l-enerġija. Din ħadd ma jista' jgħid: Jien mhux se ngawdi milli nbaxxi l-elettriku. Imbagħad baxxejna l-affarijiet ta' l-ikel ta' kuljum, li kulħadd dan irid jiekolhom. Jiġifieri li baxxejna huma affarijiet li jolqtu lil kulħadd.

"Barra minn hekk, jien l-ewwel tkellimt fuq il-borża tal-poplu li qegħda direttament f'idejn il-Gvern. Għax il-poplu għandu tnejn boroż: Għandu waħda dik li qegħda direttament f'idejn il-Gvern, imbagħad għandu borża li qegħda f'idejn in-nazzjon kollha. Xi tkun din il-borża? Aħna m'għandniex f'idejna l-flus kollha tal-Maltin. Meta inti tiġi tgħodd f'Malta x'daħlu flus f'sena f'Malta, f'idejn il-Maltin u x'ħareġ, aħna nsibu li anke meta nagħmlu dak il-kont aħna, Malta din is-sena daħħlet flus ferm aktar milli ħarġet, jiġifieri r-riżervi tagħna kibru. Dak li tfisser ir-riżervi tagħna. U li aħna konna kapaċi nagħmlu dan f'waħda mill-aktar snin ħorox u nżommu s-Sevizzi Soċjali intatti u nżommu l-isptarijiet b'xejn u ma nnaqqsu xejn, anzi żidna ċerti servizzi. Din għalina għandha tkun sodisfazzjon ta' kulħadd. Ta' kulħadd, ta' kull Malti, hu min hu! Anki ta' dawk li dejjem jeqirdu u jfixklu. Mela la kellna pjaċir nagħmlu dik, dan kien ta' sodisfazzjon kbir għalina.

## Roħs fil-Prezzijiet

"Imma x'iktar qed iqawwielna qalbna? Li jidher li għas-sena li ġejja l-affarijiet mhux se jkunu iebsin daqskemm kienu s-sena li għaddiet. Għaliex? Għax is-sena li ġejja se nkomplu nraħħsu l-affarijiet. Din id-darba mhux se nraħħsu l-affarijiet li għandu x'jaqsam il-Gvern biss magħhom u nfiehem għaliex.

"Aħna meta nġibu l-affarijiet minn barra nixtru iktar minn 50% ta' l-affarijiet bid-dollar, jiġifieri bi flus Amerikani. L-oħrajn nixtruhom bi flus li mhux Amerikani. Fis-sena li għaddiet l-aktar affarijiet li kellna nixtru bi flus Amerikani kienu affarijiet li jġib il-Gvern, li jġib il-poplu Malti direttament. L-aktar affarijiet li ġibna bid-dollars, per eżempju, kienu ż-żejt, jiġifieri l-prodotti taż-żejt (mhux ta' l-ikel) li minnu joħroġ il-petrol, li minnu joħroġ il-'fuel oil' tal-Power Station, li minnu joħroġ iż-żejt għall-ajruplani u prodotti oħrajn li għandhom x'jaqsmu ma' l-enerġija, li għandhom x'jaqsmu ma' l-industriji, eċċ. Dan wieħed minn li jieklilna parti kbira mill-flus li nonfqu barra minn Malta. Dan waħdu jiġina xi Lm40 miljun, u dan kollu bid-dollars! U f'din l-aħħar sena d-dollar li għoliet, jiġifieri aħna, il-Gvern, ridna noħorġu flus Maltin għal dawn l-affarijiet ferm aktar milli konna nagħmlu qabel u ferm aktar mela milli ndaħħlu mingħand il-Maltin għax aħna nitħallsu bi flus Maltin, mhux bid-dollars. U Alla jbierek aħna li qegħdin nixtru bid-dollar raħħasnihom dawn l-affarijiet bħalma raħħasna l-laħam, bħalma raħħasna affarijiet oħrajn ta' l-ikel li nixtruhom bid-dollars.

"Il-poplu kien soltu jiġrilu: telf għalih u qliegħ għal ħaddieħor. Iżda issa f'affarijiet fejn il-poplu jkun imdaħħal saru: telf għalih u **qliegħ ukoll**. Din id-differenza bejn dak li jrid il-Moviment Soċjalista u dak li jrid il-Kapitalist. Il-Kapitalist irid li jieħu l-flus mingħand il-bank, jekk tmurlu tajba jżommha hu u l-bank il-Bambin jaf minn fejn ġabhom — Ħafna minn dawk li jgħidu huma 'private', bil-flus tal-poplu stess ikunu qegħdin jirriskjaw! Tal-poplu stess! Ara ma naħsbux li .... Ħafna, ħafna, dan, mill-flus tal-poplu stess. U jagħmel "Limited". Xi jfisser dan? Hu jkollu l-flus, imma mbagħad, meta jiġi jagħmel kumpannija jgħid: Imma jien sa Lm10,000 nissogra minn tiegħi, imbagħad l-oħrajn minn tal-bank. Issa jekk imur tajjeb hu jieħu daqs il-bank erba' darbiet, jekk imur ħażin hu jitlef ftit u l-bank jitlef aktar, allura dejjem il-poplu jiġi fit-telf għalih u fil-qliegħ għall-ieħor. Aħna mhux qegħdin ngħidu illi dan id-dnub se jinqata' minn Malta. Imma qed ngħidu illi fil-każ fejn il-poplu jġib direttament għalih, dan aħna, allavolja l-affarijiet għolew għax id-dollar telgħet, aħna baxxejnihom dawn u ilna — ilna!

"Aħna għandna rekord kbir u niftaħru ma' kullimkien illi l-uniku pajjiż fl-Ewropa illi żamm il-prezzijiet li għandhom x'jaqsmu maż-żejt l-istess għal aktar minn sentejn — **għal aktar minn sentejn**! Mela aħna Alla jbierek, dan għamilnih, imbagħad fejn l-affarijiet suppost raħsu, per eżempju, jien naf illi l-lira sterlina .... u jien nixtieq mil-lum 'il quddiem il-poplu Malti kollu l-lira tagħna jgħidilha "Lira Maltija" .... fejn allura mbagħad il-lira Maltija qed iġġibli iktar flus Ingliżi, minflok raħħasna ma raħħasniex allavolja żammejna prezzijiet li kien hemm is-sena l-oħra. Issa, din is-sena, wara li azzettajna l-affarijiet tagħna, qegħdin inbaxxu tagħna, u wara li jsir ukoll ir-roħs fil-prezzijiet, fl-1984 qed ngħid jien, ir-roħs fil-prezzijiet li diġà semma l-ħabib tiegħi l-Ministru Wistin Abela, issa din is-sena wkoll inraħħsu u l-Ministru tal-Kummerċ wegħedni li d-Dipartiment tiegħu jagħmel ħiltu kollha biex is-sena li ġejja jraħħas l-affarijiet li jiġu mill-Italja mill-inqas b'4% u wkoll iraħħas affarijiet li jiġu mill-Ingilterra.

"Dan, il-poplu tagħna jara l-frott tiegħu fiż-żmenijiet li ġejjin ħalli kulħadd jagħmel ħiltu kollha biex inbaxxu l-prezz ta' l-affarijiet tal-ħajja. Għax dan jagħmel ġid lil kulħadd. Jagħmel ġid lir-'retailer', għax ir-'retailer' meta aħna nżidu x-xogħol fil-pajjiż, iżid ix-xogħol tiegħu wkoll, in-nies ikollhom x'jixtru iktar. Jagħmel ġid, speċjalment lill-industrijalist għax aħna nkunu nistgħu ngħinuh bil-pagi billi ma ngħolluhomx. Din waħda mill-affarijiet li din il-Federation of Industries qatt ma qaltlu "grazzi" lill-Moviment. Qatt! Imisshom jistħu dawn qatt ma jgħidu "grazzi", ta' xejn, qatt! Aħna l-uniku pajjiż fl-Ewropa fejn l-industrijalist seta' f'dawn l-aħħar sena u nofs u għas-sena li ġejja, jippjana u jgħid: 'Daqstant se jqumuli l-affarijiet f'Malta.' Fl-ebda pajjiż ma jista' jagħmlu dan. Kulħadd ma jarax fejn hu għaddej. Aħna, f'Malta, kull wieħed minnhom, jaf x'se jqumulu l-affarijiet. Qabel, meta konna niġu biex nagħmlu xi ħaġa għall-ħaddiema kienu jgħidulna:' Għax ma għidtulnix qabel? Aħna ma nistgħux ngħollu.' Issa li mhux qed jogħlew l-affarijiet

dawn xi darba qalulhom "grazzi" lill-ħaddiema għax il-ħaddiema vvintaw din is-sistema? Għax aħna mal-ħaddiema nagħmluha. Veru dan li nagħmluh huwa għall-ġid tal-ħaddiema, imma mill-banda l-oħra huwa għall-ġid tagħhom wkoll. Xi darba nippretendu "grazzi" wkoll aħna. Nippretendu, mela le, għax m'għandniex nippretendu "grazzi". X'għamlu lilna dawn? X'qed jagħmlu għal dan il-pajjiż dawn, speċjali? Mhux għal kollha qed ngħid, għall-maġġoranza tagħhom. Jekk dawk li qegħdin magħhom qed jieħdu għalihom, ngħidulhom: Itilqu mela mill-Federation tagħhom! Mhux kull darba toqogħdu tiktbu u tieħdu għalikom jekk ngħidu xi ħaġa, itilquhom! Ħadd f'Malta ma għandu għalfejn jidħol fil-Federation of Malta Industries. Jekk irid jidħol! Jien ma nafx x'għajnuna qed jagħtu dawn. X'inhi l-għajnuna li qed jagħtu lill-membri tagħhom? Issa nitkellem iktar. Mhux qed insemmi tal-Kummerċ, taf, mhux qed insemmi tal-Cope, issa nitkellem fuqhom dawn ukoll. Qed ngħid, anke din tal-Federation. Din li mhux kapaċi jgħidu: Isma' għandna pajjiż serju, għandna pajjiż stabbli li kapaċi jagħmel dawn l-affarijiet. U din l-aħjar ħaġa li tista' tagħmel għall-industrijalist. Għax jien safejn naf, l-Gvern Amerikan kien kapaċi li f'pajjiżu jżomm li ma tkomplix sejra l-'inflation' u ġabha kważi xejn, u kienet waħda mill-akbar prosit li tawh l-industrijalisti Amerikani talli għamilha. Kieku l-industrijalisti Amerikani kienu hawn Malta jaraw lilna mhux talli nġibu l-'inflation' fix-xejn, (jiġifieri ma nħallux il-prezzijiet jogħlew imma nbaxxuhom), x'kienu jagħmlulna? Jagħmlulna monument tad-deheb lilna? Allura, dawn l-industrijalisti tagħna meta se jgħidu "grazzi" lil dan in-nazzjon Malti li qed igħixu fih. Mhux lili, lin-nazzjon Malti jgħidu "grazzi".

## Il-Lira Maltija

"Mela aħna qed naraw li għas-sena li ġejja, jekk inkomplu naħdmu bil-għaqal, inkunu nistgħu naffrontawhom il-prezzijiet. Għaliex? Għax kif poġġejna l-lira Maltija aħna, poġġejniha li meta titla' d-dollaru, jinżlu l-affarijiet l-oħrajn. Jiġifieri aħna nġibu parti mid-dollar, l-affarijiet minn barra u parti l-isterlina, parti mill-lira Taljana, parti mill-Franċiża, parti mill-Ġermaniża, parti mill-yen u qegħdin f'dinja bħalissa fejn meta titla' d-dollar jinżlu l-oħrajn u meta jitilgħu l-oħrajn, tinżel id-dollar. Aħna qegħdin fin-nofs. Mela aħna jekk kapaċi mmexxu sewwa li jekk l-affarijiet fejn hemm id-dollar jogħlew, dan nistgħu npattuhom bl-affarijiet fejn jorħsu għax jorħsu dawk li m'humiex dollar. Kull darba joqogħdu jwaħħlu fuq il-lira Maltija u jriduna bilfors nagħmlu bħalma jagħmel min ifalli, . . . ma nafx jien! Jekk aħna ma fallejniex, kif triduna nbaxxuha din il-lira Maltija? Daqstant tħobbuh lil pajjiżkom intom li bilfors triduna nbaxxu l-lira Maltija meta aħna rnexxielna li ma nfallux? Min ibaxxi din? Ħa naraw min ibaxxi. Baxxiet Franza. Għaliex? Għax ma setgħux ilaħħqu, in-nazzjon ma setax ilaħħaq, ma' l-ispiża li ġġib l-affarijiet minn barra, xi tbiegħ għal barra. Dan kull nazzjon li tlaħħaq ma' dak li tixtri billi tbiegħ hi, jekk tibbilanċjahom dawn m'għandhiex għalfejn toqgħod tilgħab mal-munita tagħha. M'għandiex għalfejn, meta tibbilanċja. U iktar u iktar ma tilgħabx meta tkun qiegħed tajjeb! Allura meta tkun qiegħed tajjeb trid tmur tgħid: Jien fallut allura ma nistax inħallsek?! Se nbaxxiha din?! Għax hekk tfisser. Kieku aħna l-lira Maltija għada fil-għodu ngħidu: Ara, hawn ħafna, ħa nogħoġbuhom lil dawn u l-lira Maltija minflok tiswa bħalma hi llum, $2.20c nagħmilha tiswa $1.50c, - għax hekk tfisser din — x'inkun għamilt jien? Inkun jien qed ngħid issa lill-ħaddiema: Inti, biex tixtri l-ħobż li qed tiekol illum trid tħallas mill-inqas 30% iktar. Mhux talli ma nraħħaslekx, talli tħallas iktar, għax dik il-lira Maltija li qabel kienet tixtrilek tant qamħ issa se tixtrilek terz ta' qamħ inqas minn qabel.

"U dawn l-industrijalisti! Dawn ukoll jieklu l-ħobż. Jien lil ħadd minnhom ma naf li ma jiekolx ħobż u laħam! Bħalna jgħixu dawn. Nafhom kollha jien. Bħalma naf lin-nies tal-Bastjun, naf il-kbar kollha għax nitħallat ma' fuq, isfel u ma' kulħadd, naf lil kulħadd. Allura naf li bħalna jieklu dawn. Lilhom ukoll se jiġihom għoli dan. Allura jien għaliex għandi nagħmel bħal Franza, li dan għamlitu għax fallew? . . . Ara l-Ingliża meta kienet sejra tajjeb, meta kellhom l-Imperu u l-ekonomija tagħhom kienet tajba, id-dollar kien ħames xelini — Illum lanqas b'nofs 'pound', m'hu se tixtri dollar illum. Għaliex? Għax iridu hekk l-Ingliżi jew għax bilfors kellhom jagħmlu hekk? Min jagħżilhom dawn it-triqat? Jiġifieri (hawn

> ***"Daqstant tħobbuh lil pajjiżkom intom li bilfors triduna nbaxxu l-lira Maltija meta aħna rnexxielna li ma nfallux?"***

Malta) dawn huma triqat tal-ġenn li ma tistax tifhimhom — lil dawn, għaliex kif u f'daqqa jridu jagħmlulna dawn l-affarijiet. Lanqas tista' tifhimhom. Mela aħna x'qegħdin ngħidu issa? Qegħdin ngħidu: Ara s'issa, il-Gvern, il-poplu refa' l-madmad għax refa' l-parti fejn aħna nixtru bid-dollars, intom, fejn qed inħallu f'idejkom għad, u kemm inħallu f'idejkom jiddependi kemm tmexxu tajjeb. Aħna m'għandniex skruplu hawn. Jekk l-inizjattiva privata ma tridx tmexxi nafu nidħlu wkoll. Nidħlu wkoll. Ma joqogħdux jikkonfondu. U qed nagħmlu 'mixed economy' għaliex naħsbu li l-aħjar għan-Nazzjon. Malli naħsbu li mhux aħjar iktar, spiċċa l-'mixed economy', spiċċa kollox, **ikun hawn Soċjaliżmu totali mbagħad,** u mhux se noqogħdu nibżgħu nagħmluh dan, għax nemmnu aħna li l-poplu m'għandux jiġi skrukkjat. Diment li jaħdmu tajjeb immexxu, mela le. U s'issa aħna tajnihom il-benefiċċju mhux tad-dubbju, il-benefiċċju ta' l-għajnuna tagħna kollha li l-ebda Gvern Nazzjonalista jew Ingliż qatt ma tahom lil dawn. Qatt ma tahomlhom!

## Id-dmir ta' kulħadd

"Imma issa nippretendu li kulħadd jagħmel id-dmir tiegħu, ma jkollniex min jagħti biż-żewġ. Iridu jdaħħlu f'rashom li bħalma għaddejna mingħajr il-Gvern Ingliż u mingħajr ħafna affarijiet, nistgħu ngħaddu mingħajrhom ukoll. Idaħħluha f'rashom din, u jew jikkoperaw jew jekk iridu l-ġlieda aħna lesti li l-ġlieda nagħmluha.

"Mela aħna nippretendu issa li l-ewwelnett ma jkellmuniex iktar fuq devaluation u ma jwaħħlux iktar fuq il-lira Maltija. Anzi aħna ngħidulhom li fejn din il-lira kienet l-iktar iebsa biex aħna nikkowpjaw, mhux biss qdejniha l-parti tagħna, imma saħansitra — għandi pjaċir ngħid ukoll — immexxuhom tant sewwa l-affarijiet aħna li fil- Price Stabilization Fund għad fadlilna flus biex jagħmlu tajjeb għal dak li jista' jogħla fid-dollar is-sena li ġejja. U allaħares ma kellniex għax kieku ma nistgħux nagħmlu garanzija lill-poplu tagħna li se ndumu ma ngħollu l-prezzijiet. Allaħares m'għandniex! U mhux jiġi jgħajjarna xi ħadd minnhom, — hu min hu dan, illi qegħdin nisirqu lill-poplu għax nagħmlulu l-Price Stabilization Fund.

"Għalhekk qed nisirqu l-poplu? Mela kemm kien jisirqu l-poplu min kien iħalli dawn l-affarijiet f'idejn xi ħadd privat imbagħad il-prezz tal-ħobż jagħmlu kif irid hu għax dan ikollu s-silo f'idejh! Aħna li l-flus li niffrankaw lill-poplu tagħna jerġa' jeħodhom hu? Aħna li s-sena l-oħra biex żammejna l-prezz taż-żejt l-istess u ta' l-enerġija l-istess użajna mill-flus li konna ġemmajna qabel? Kieku konna boloh u l-flus ntajruhom bħalma kien isir qabel, iva. Imma tgħajjarna wara li aħna l-poplu tagħna qed nagħmlulu dan il-ġid; din kbira wisq! Kbira. Immens kbira. U għalhekk nippretendu aħna u nafu li jekk naħdmu bil-għaqal is-sena li ġejja għandha tkun aħjar minn dik li għaddiet. Imma għandna provi iktar minn hekk. X'inhuma l-provi li għandna iktar minn hekk?

## Aktar impiegi

"L-ewwelnett dejjem nisimgħu aħna fuq is-sena li għaddiet kemm naqsu nies mix-xogħol. Issa jiena għandi lista quddiemi ta' kemm żdiedu ħaddiema f'ċerti industriji. Jien għandi lista fejn fuq numru ta' industriji — xi 38 b'kollox — fis-sena żdiedu iktar minn 750 ruħ. Jobs dawn. U dawn m'humiex xi industriji, taf, rotob. Dan għandek industriji bħalma hi Johnson Clothing, bħalma hija l-Ladytex, jiġifieri fuq affarijiet l-iktar iebsin, affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' ħwejjeġ u affarijiet simili. Id-Dowty, per eżempju, żied ukoll fl-esportazzjoni. Ħafna minn dawn id-ditti mhux biss żiedu fl-esportazzjoni imma flimkien anke żiedu l-employment. Jien naf wieħed, per eżempju, tal-ħwejjeġ għadu jibda li jagħmel il-qliezet, li din is-sena żied xi 35 ruħ. Jiġifieri mhux kollox ikrah kien. Kellna is-sabih ukoll.

"Issa x'iktar? Aħna nafu li waqt li s-sena li għaddiet konna qed niffaċċjaw sitwazzjoni fejn dak se jitfa' n-nies barra hemm, u dak se jitfa' n-nies barra hawn, u dan se jitfa' n-nies barra hawn, din is-sena m'hemmx min se jitfa' n-nies barra — (ħlief dawk in-nies li aħna konna nafu li x-xogħol tagħhom se jispiċċa) — Per eżempju, aħna nafu li dawk li kienu qed jagħmlu l-Marsa Dock spiċċa x-xogħol u se jispiċċa x-xogħol tagħhom. Imma dan mhux għax hawn ir-riċessjoni, mhux għax naqas il-kummerċ. Iżda għax dak ix-xogħol spiċċa u jridu issa jsibu xogħol ieħor li għandu x'jaqsam ma' 'construction'. Dan m'għandniex nippretendu li kull wieħed li jtella' mezzanin se jibqa' jagħmlu dan għal għomru. Malli spiċċa dak il-mezzanin irid ifittex ieħor x'jibni. Imma x'nafu iktar aħna? Aħna nafu li waqt li qabel kellna iktar minn 4,000 ħaddiema li kienu bil-ġimgħa l-qasira issa naqsu b'xi 1,500, saru 2,000 dawn. Jiġifieri mhux nitkellmu addoċċ aħna. Però x'hemm iktar?

"Aħna fis-sena li għaddiet rnexxielna li minn postijiet li qabel ma kenux qed jagħmlu ordnijiet f'Malta nġibu ordnijiet ta' swieq — (tista' tgħidilhom ġodda għax ftit kienu jaħdmu magħna) — li jilħqu għal xi Lm45 miljun. U dan mhux ċajt! Għax aħna x'nesportaw b'kollox? X'inbiegħu b'kollox barra minn Malta? Għax anke jekk ngħoddu dak li nbiegħu wara li nkunu ġibnih u erġajna begħnieh, jiġifieri exports u re-exports, anke jekk ngħoddu dawn aħna b'kollox ma nbiegħux aktar minn Lm170 miljun.

Jiġifieri issa meta aħna din is-sena konna kapaċi niftħu swieq li qegħdin iġibu ordnijiet ta' iktar minn Lm45 miljun, dan għalina huwa mbuttatura tajba 'l quddiem.

"Mhux hekk biss, imma jekk veru l-kummerċjanti jaħdmu id f'id magħna huma jistgħu jfiequ. Għax jekk il-poplu tagħna ma jbiegħx ma jistax jixtri. Huma għandhom jgħinuna biex dawk il-pajjiżi li nixtru mingħandhom huma wkoll jixtru mingħandna. Jien s'issa ma nistax ngħid li l-kummerċjanti din l-għajnuna qed jiċħduha, ma nistax ngħid . . . Per eżempju, aħna għamilna waħda li ħadd m'għamilha u kollha jixtiequ jagħmluha l-pajjiżi ta' l-Ewropa kollha jixtiequ lil Japan jgħidulu: Mur ixxejjer ma rridux nixtru mingħandek iktar. Kollha m'hemmx dak u l-ieħor u l-Franċiżi u t-Taljani u l-Ingliżi. Imma ma jistgħux. Aħna għamilniha, għidnielu: 'Jekk mhux se tixtri mingħandna — daqshekk, m'hemmx iktar affarijiet mill-Japan, lanqas jekk immutu bil-ġuħ, mhux se nixtru iktar mill-Japan. U fuq din nista' ngħid jien, u jien mhux bħalhom, fejn insibu min jgħin nirringrazzjahom, lill-kummerċjanti li fuq din għenu. Mela le! Mela ma nirringrazzjahomx! Imma din mhux biżżejjed, għad irridu aħna . . . Hemm ħafna pajjiżi li qed nixtru mingħandhom ferm iktar milli qed jixtru mingħandna. Waħda minnhom Franza u rridu l-għajnuna ta' dawn li jikkumerċjaw ma' Franza biex idaħħlu f'ras dawk li qed nixtru mingħandhom li huma wkoll iridu jixtru mingħandna u din il-kummerċjanti jridu jagħmluha, jekk ma jridux imbagħad jindaħal il-poplu, iwarrbu minnofs lil dawn u jgħidu: Dak li m'għandekx il-ħila tagħmel inti se nagħmilha jien. U hawn qed ngħid jien li aħna rridu l-għajnuna, għax min titlaqlu l-affarijiet f'idejh imbagħad irid imexxihom tajjeb. U ibqgħu ċerti li aħna m'għandna l-ebda intenzjoni li minn dawn l-affarijiet ma nieħdu ta' ħadd jekk dan imexxihom sewwa. Aħna għandna tant u tant x'nagħmlu, li hu ġdid, li kieku huma jmexxu tagħhom u jmexxuhom tajjeb intuhom aktar x'jagħmlu u x'ma jagħmlux, imma mhux tmexxihom ħażin, nagħtik l-għajnuna kollha, u minn fuq, tagħtini bissieq u tgħajjarni l-ħin kollu għax jien qed neħodlok ix-xogħol tiegħek. Min qal? X'xogħol qegħdin nieħdu aħna?! F'hiex?!

## Qabel l-1970

"Ejja nieħdu kif kienu l-industrijalisti u l-kummerċjanti qabel ma tlajna aħna fl-1970, u llum. Nieħdu l-industrija tat-turiżmu. F'idejn min kien itturiżmu hawn Malta? F'idejn il-barrani kien! 90% tal-lukandi f'idejn il-barranin, xogħol kollu fil-lukandi u l-profitti sejrin barra. Fi żmienna kif qlibna dan kollu? L-ewwelnett ma ħallejnix lukandi — jew ftit ħallejna — jitilgħu, ħaġa żgħira; it-tieni daħħalna s-sistema tal-flats u l-flus kollha ħaduhom il-Maltin; it-tielet inkoraġġejna lill-Maltin (ħafna minnhom dawn li jgħidu li huma industrijalisti u tgħidx x'kull lanżita għandhom kontra l-ħaddiema) biex jagħmlu 'complexes' u 'villages' li kollha qegħdin f'idejn il-Maltin u jdaħħlu . . . Ħarsu lejn min jippoppa żaqqu u jmur ħafna f'dawn il-konferenzi, Gasan, u l-oħrajn x'għamlu bit-turiżmu f'dan l-aħħar 11-il sena? Jien nsemmi għax hekk importanti li nsemmu dan.

## Kulħadd gawda

"Jekk nitkellmu fuq dak li għandu x'jaqsam mar-retailing. X'kien hawn fuq ir-'retailing' fil-pajjiż meta tlajna aħna? Kullimkien ħafna 'supermarkets' f'idejn il-barranin. Wieħed f'Raħal Ġdid kbir daqs dinja, ġennen lil kulħadd. Ieħor Tas-Sliema, ġejjin il-barranin kollha biex jagħmlulna 'supermarkets' u ħwienet u kienu qed ikissru lir-'retailers' kollha. Meta tlajna aħna ma ħallejna xejn minn dan, tajjarna kollox, spiċċa kollox dan. X'kien hemm iktar qabel ma tlajna aħna? Kien hemm li l-Malti lanqas il-proprjetà ma kienet se tibqa' tiegħu. Jiġi l-barrani jixtriha b'ħames soldi u wara sena jbiegħha b'Lm5 u ma tibqa' xejn tagħna. Xejn tagħna. Dan kollu qtajnieh aħna. U min gawda? Kulħadd gawda. Jien mhux qed ngħid li l-ħaddiem ma gawdiex! Mela kieku konna se nagħmluh dan aħna . . . Aħna Partit tal-Ħaddiema, l-ewwel ma naħsbu għall-ħaddiem iż-żgħir u b'wiċċna minn quddiem ngħiduh dan! U għandna unur kbir li naħsbu għal dan mill-ewwel.

> ***"Aħna Partit tal-Ħaddiema, l-ewwel ma naħsbu għall-ħaddiem iż-żgħir u b'wiċċna minn quddiem ngħiduh dan! U għandna unur kbir li naħsbu għal dan mill-ewwel."***

Imma mal-ħaddiema jgħix l-industrijalist, jgħixu dawk li qed igħajjru għall-ħaddiem . . . Igħajjru mhux għax huma ma qalgħux, iżda donnhom jixtieqυ li d-differenza bejnhom u bejn il-ħaddiem qisu trid tkun bejn Alla u jiena. Għalfejn dan! Mhux kollha bnedmin aħna?! Mela aħna rridu dawn l-allat kollha?! U x'allat kienu dawn? Dawn kienu sefturi tal-Gvern Ingliż, jilgħaqulu għajnu biex ikollhom biċċa xogħol. Dawn meta kienu jkunu lesti biex jagħmlu xi industrija kienu jmorru jilgħaqu għajn kulħadd id-Development Corporation biex iħalluhom jingħaqdu ma' xi Ingliż u jagħtuhom xi biċċa xogħol. Dawn mhux issa qegħdin jaraw erba' soldi kbar?! Allura għalfejn dawn din il-ġlieda kollha kontra l-ħaddiem?! U min qed iżommhom dawn? Aħna min jaf kemm konna ilna ngħidulhom: 'Għamlu industriji'. Min jaf kemm kont ilni niekol ilsieni jien biex issir biċċa industrija tal-gallettini. Kellhom jiġu l-barranin biex issir din. Kellna nidħlu aħna sħab mal-barranin, il-poplu Malti u biċċa sħab ditta privata.

"Aħna llum qed jitolbuna, jgħidulna l-privat: 'Biegħuhulna sehemkom'. Aħna ngħidulhom: 'Mela le, sieħeb. Imma issa ejja nagħmlu xi ħaġa oħra għax aħna mhux inbiegħu sehemna niex nagħmlu pjaċir lilkom. Jekk se nbiegħu sehemna biex nidħlu f'xi ħaġa oħra, intom tkomplu din u aħna nidħlu f'xi ħaġa oħra flimkien ħalli noħolqu aktar impiegi, l-bqija mhux se nbiegħu addoċċ. Mela aħna mejtin bil-ġuħ?! Mhux mejjet bil-ġuħ il-poplu Malti! Il-poplu Malti għandu fejn jagħżel u ħadd m'hu se jiddettalu llum! Meta konna bil-ġuħ konna rridu nħabblu rasna kif dak li jkun se nidħku bih bħalma dħakna bl-Ingliżi li żammejnihom hawnhekk seba' snin sakemm għerdajnihom biżżejjed, li konna kapaċi mbagħad immexxu waħedna. Hekk iva għax ma stajniex nagħmlu mod ieħor. Imma fejn nistgħu nagħmlu mod ieħor, il-poplu tagħna m'hu se jbaxxi rasu għal ħadd.

"F'hiex marru ħażin? Dan min mar ħażin? Liema wieħed mar ħażin? Taċ-Ċivil li qegħdin bħalna? Għax aħna qisna taċ-Ċivil. Aħna mhux bis-salarju ngħixu aħna?! Veru li bejna u l-ħaddiem id-differenza mhux kbira daqs li kienet qabel. U hekk ridna aħna. Mela aħna ridna li jien immur id-dar u nsib il-fridge, imbagħad ieħor joqgħod ħdejja, għax ħaddiem dan, jitnawwarlu kollox, l-ikel, għax m'għandux fridge?! Din irridha jien? Imma jien, u bħali min għandu s-salarju ma jafx li llum qiegħed aħjar milli konna dak inhar? M'għolejniex daqskemm għola l-ħaddiem. Imma min kellu bżonn l-iktar li jogħla? Aħna? Jew il-ħaddiem? Allura aħna mhux pjaċir nieħdu jekk il-ħaddiem tela' iktar u resaq iktar lejna?! X'kien jonqosna aħna f'dawn is-snin? Dejjem igħidu, min jaf kemm igergru: Għax aħna ma żdidniex daqs l-oħrajn! Dan veru u hekk kienet il-policy. Imma ħadd m'hemm fiċ-Ċivil li jista' jgħid li mhux qed igħix aħjar milli kien igħix fl-1970 meta konna taħt l-Ingliżi mgħejjunin mill-Partit Nazzjonalista u mill-Kurja! Aħna l-istorja ta' Malta rridu nitgħallmuha kif inhi u mhux noqogħdu nibdluha kif jogħġobna.

> ***"Ħadd ma hemm fiċ-Ċivil li jista' jgħid li mhux qed igħix aħjar milli kien igħix fl-1970 meta konna taħt l-Ingliżi mgħejjunin mill-Partit Nazzjonalista u mill-Kurja."***

## Banek

"Allura aħna ngħidu: X'inhi din? Il-Moviment Soċjalista lil dawn ma għamlilhomx ħsara, żgur jien ngħid. F'xejn, f'xejn! F'hiex? Fil-banek għamilnielhom ħsara aħna? Qabel, l-aqwa bank li kien hawn Malta, il-Barclays, għall- industriji Maltin kien jislef ftit jew xejn. Li kienu jisilfu n-National Bank of Malta li diżgrazzjatament mhux aħna ħadnihulhom, fallew u li kieku ma konniex aħna anke d-depożiti tan-nies kienu jispiċċaw. Aħna salvajna d-depożiti kollha, mexxejnih u dan il-bank illum qed jaqla' l-flus. Dak inhar lix-shareholders għidnielhom: Idħlu magħna, erġgħu poġġu fluskom, ejjew ħudu share, imma ma ridux! X'tort għandna? Allura jekk ma tagħmilx inti ma nagħmilx jien?! Dan wieħed mill-każijiet klassiċi, eżempju klassiku fejn aħna dħalna għax ħaddieħor falla u wkoll konna umli biżżejjed — għadni niftakar jien f'dan il-Parlament — li stedinnihom biex jerġgħu jidħlu shareholding magħna. U ma ridux. Issa llum kull lanżita daqs 'hekk'. Għaliex? Għax issa dan il-Bank of Valletta mar tajjeb, il-flus li ħriġna biex immexxuh dan diġa' daħħalnihom kollha. Aħna, jiġifieri il-poplu, għax dan xi 60% tal-poplu. L-istess fil-Barclays dan. Lill-Ingliżi l-ewwel konna ftehimna li nieħdu biċċa, aċċettaw, ħallasnihom u xtrajnih dan. Ara ma jmurx jaħseb xi ħadd li sraqnih dan!

Il-poplu xtrah u l-poplu għandu l-Barclays u qala' dawk il-flus kollha minnu. Min kien kapaċi se jixtri l-Barclays qabel? Min?! Min hu?!

## Linja ta' l-Ajru

"Dan lanqas kienu kapaċi meta kellhom il-liċenzja ħalli jagħmlu l-ajruplani, jikru ajruplan wieħed. Jikruh, taf! Din il-liċenzja għaddewha lill-BEA, reġgħu għaddewha lil barrani dawn u l-BEA ta' kull passiġġier li kien jinżel Malta kienet tagħtihom xi ħaġa għax għaddewlha l-liċenzja. Din kienet il-Malta Airlines. Meta kont nara din il-kelma 'Malta Airlines' kont ngħid. Fejn hi 'Malta'? Din kollox tal-BEA?! Kollox! Dawn kellhom liċenzja biex jagħmlu bħalma aħna għamilna fl-Air Malta u minflok għamlu hekk, marru għand il-BEA, qalulu: Aħna għandna din il-liċenzja, aħna qabda ħallelin — (għax dawn qabda ħallelin biex jagħmlu hekk għall-poplu Malti) — agħtina xi ħaġa u aħna ngħadduhielek. U tahom xi ħaġa . . . . Issa din serjetà ta' nies illi llum igħidu li huma private enterprise dawn. Dawn aħjar ma nitkellimx aktar. U min huma dawn? Dawn l-iktar nies li jmorru l-Knisja, tarahom minn ta' quddiem nett. Dawn nies li meta konna qegħdin niġġieldu mal-Gvern Ingliż ma ridux jirreklamaw fil-gazzetti tagħna għax aħna kellna d-dnub il-mejjet.

"Dawn magħhom kien hemm Farsons — u issa nitkellem fuq dan illi kien qalilna: "Aħna dment li tibqgħu bid-dnub il-mejjet m'hemmx reklami fil-gazzetti tagħkom," din id-ditta . . . . Jekk kien hawn ditta f'Malta illi lill-Moviment Soċjalista trid toq-għodlu għarkopptejha u tirringrazzjah hija d-ditta ta' Farsons għax din kienet l-ewwel industrija Maltija li l-Partit Laburista flimkien ma' ta' Strickland issieltu u ġġieldu kontra n-Nazzjonalisti ħalli ssir f'Malta din, għax in-Nazzjonalisti qatt ma riedu li jkun hawn fabbrika tal-birra f'Malta. Dawn idaħħlu l-politika b'mod illi biex jivvendikaw ruħhom minna sservew bil-Knisja . . . Issa, dan qed ngħidilkom jien li kieku kienu xi nies twajba dawn, nies illi jagħtu l-karità 'l hawn u 'l hemm kieku nifhem jien li dan skrupla li jagħti xi ħaġa. Imma mhux veru xejn dan, dawn nies ħodor, nies li jobogħdu lil pajjiżna, nies illi lil pajjiżna dejjem deni għamlulu u ma jridux li pajjiżna jmexxi 'l quddiem.

## Il-ġlieda tax-Xandir

"U aħna ma niskantawx allura illi jkun il-kap ta' Farsons illi llum issa qed jagħmilha u jaqbeż fin-nofs ħalli jsalva dan il-famuż bojkott ta' xandir u mhux xandir. U tajjeb jien lill-poplu Malti fi ftit kliem infehmu x'inhi din il-ġlieda.

"Din il-ġlieda bdiet meta kien hawn Membru tal-Parlament u hawn fil-Parlament approfitta ruħu mill-fatt li dak li tgħid fil-Parlament ħadd ma jista' jagħmillek libell fuqu u qabad u għajjar qattgħa bla ħabel iill-impjegati kollha ta' Xandir Malta. U dawn qalulu: 'Issa, inti jew tgħidu barra dan il-kliem ħalli aħna nistgħu niddefendu ruħna fil-Qorti jew lilek mhux se nġibuk iktar fuq Xandir Malta għax inti għandek il-Parlament u aħna għandna x-Xandir f'idejna u jekk nitilqu aħna x-Xandir ma jistax jimxi'. Din bdiet hekk l-istorja. Wara l-Partit Nazzjonalista għamel bojkott lix-Xandir u x-Xandir għamlu bojkott ukoll lill-Partit Nazzjonalista. B'danakollu aħna kkonvinċejna lill-ħaddiema u għidnielhom: Ara, dawn bl-iskuża illi intom qed tagħmlulhom bojkott qed igħidu mad-dinja kollha illi aħna mhux qed inħalluhom jidhru fuq il-mezzi tax-xandir, mela agħmlulna pjaċir ġibu s-seduti tal-Parlament fejn huma jkunu jistgħu jitkellmu hemm, nitkellmu aħna wkoll u jekk joffendukom naqbżu għalikom aħna, u ġibu s-seduti tal-Parlament. Aħna ħsibna illi l-Partit Nazzjonalista se jaħtafha din. Għaliex? Għax dan qatt — qatt ma kien hawn Oppożizzjoni li kellha dik l-opportunità kollha biex turi — iż-żmien, il-ħin kollu, iċ-ċans — il-fehmiet tagħha fuq kollox, li trid, fix-xandir . . . qatt! Imkien m'hemm dan, lanqas fl-ebda oppożizzjoni. La hemm fi Franza, la hemm fl-Ingilterra, imkien, fl-ebda parti tad-dinja, imkien! Ara kemm aħna demokratiċi aħna! Fl-istess ħin kienu joħorġu minn din il-basla li wieħed minn tagħhom, (li huma stess ma jaqblux miegħu) daħħalhom fiha. Aħna ħsibna li din l-opportunità se jaħtfuha! Le. Għaliex imma? Għax dawn ħasbu li huma peress li kellhom, dik il-ħabta, l-għajnuna tat-Taljani u tad-Tedeski — mhux qed ngħid tal-Gvern Taljan — il-Gvern Taljan u l-Gvern Tedesk kien ħallihom dak iż-żmien ukoll, għamel ħażin u għidnielu aħna li għamel ħażin u anke lill-Gvern Tedesk — biex jagħmlu television station sħiħa ġewwa Sqallija, dawn qalu: Aħna għalfejn se mmorru l-Parlament, hemmhekk ikissruna l-Laburisti, hemmhekk ma nafux x'naqbdu ngħidu, għandna storja waħda mill-agħar għal Malta, kif se naqbdu art? Mela nitkellmu waħedna bl-iskuża la tax-Xandir qed jagħmlulna bojkott, inkomplu fuq dik il-linja. Kemm kienet skuża, jaf kulħadd għax huma mhux dik kienet l-ewwel darba li kellhom il-Parlament miftuħ u setgħu jinstemgħu fuq it-television u jkollhom l-istess ħin daqs il-Gvern. Anke qabel ma kien hemm l-elezzjoni, ukoll kellhom dan iċ-ċans u telquh u x'kienet l-iskuża? Kienu qalu: Għax issa se nitkellmu? Tant hi qrib l-elezzjoni u se nagħmlu n-nefqa tal-poplu? Tant hi qrib li aħna jidhrilna li ma għandniex inġibuha fil-Parlament din!

"Issa dan il-miġnun igħid hekk. Għaliex? Għax jekk jien qed inressaq in-nefqa tal-poplu u għada se nibqa' jien, allura se tgħodd tajjeb għalija. Jekk qed

***"Qatt ma kien hawn Oppożizzjoni li kellha dik l-opportunità kollha biex turi – iż-żmien, il-ħin kollu, iċ-ċans – il-fehmiet tagħha fuq kollox, li trid, fix-xandir.... qatt! Imkien! fl-ebda parti tad-dinja!"***

inġibha u għada se titla' inti u trid tħallieha kif inhi, tista', u jekk trid tibdilha, tista' ukoll! Min se jżommok? Imma li tħalli pajjiżek mingħajr nefqa għax ġejja l-elezzjoni, dan kien ikun ġenn tal-ġennati mill-kbar. Imma dik l-iskuża banali li kienu ġabu dak iż-żmien! X'kienet il-verità? Il-verità kienet li dawn meta jiġu wiċċ imb'wiċċ, ma jissapportuhiex din.

" X'għamel il-Partit Nazzjonalista? Il-Partit Nazzjonalista jaf li aħna iktar inżommu maż-żgħir, mal-ħaddiem, iktar inżommu ma' min hu marid, iktar inżommu ma' min huwa fqir milli nżommu ma' dak li huwa industrijalist, bħalma hu l-kummerċjant. Allura l-Partit Nazzjonalista jgħid lill-kummerċjant: La nitilgħu aħna ara kemm tmorru tajjeb. Ara issa, kieku lilkom ngħaddulkom, ngħidu aħna, l-Air Malta li fl-agħar żmenijiet qalgħet aħseb u ara malli jitjiebu ż-żmienijiet kemm taqla', xi jkollkom x'taqsmu bejnietkom intom! Ara kif se ssiru sinjuri u se ssibu kollox lest! Igħiduhielhom dawn, qaluha hawnhekk għax meta qalu li huma ma jaqblux li jkunu tal-poplu, dan ifisser. Dan ma jfissirx mod ieħor. Ifisser biss li issa li għandu l-poplu u li għamilna bil-ħila tal-poplu, li għamilna bl-għaraq tad-demm tal-poplu, jaqbad u jiġi tali, jismu Gasan li hu magħhom u jiġi ieħor qed jagħtihom Lm100 fix-xahar, eh! dan mhux ċajt, dan mhux bħalna. Ikun hemm xi wieħed ħaddiem miskin u joħroġ għall-Partit Lm1 ħalli jkun membru. Dawn mitt lirijiet fix-xahar. Hemm investiment! Dak joħroġ Lm100 u tagħhom ara x'se jdaħħal wara jekk jgħaddilu l-Air Malta. Issa apparti, li dak, l-Air Malta mhux kapaċi jżommha u mbagħad jgħaddiha lil ħaddieħor, lill-barrani, bħalma kienet qabel. Għax mhux kapaċi jżommha. Lanqas jaf x'jiġifieri, xejn, għax mhux xi nies ta' ħila. Dawk li mhumiex nies ta' ħila . . .

## Ekonomisti!

"Per eżempju jekk nieħu jien wieħed mill-famużi ekonomisti li dejjem jikteb u jgħidilna kif immexxu, dan ekonomista ta' ditta ta' l-Alpine. Dawk wieħed mill-ewwel li għalqu malli ġie l-maltemp. Hu l-ekonomista tagħhom. Dan irid igħidilna dan lilna kif immexxu l-pajjiż. Lanqas biċċa fabbrika, biċċa żgħira m'hu kapaċi jmexxi! ... Tgħidx kemm jidher dan u jgħidilna kif għandna mmexxu l-ekonomija fil-pajjiż, u baxxu l-lira u għamlu hekk. U jien ngħid: Min hu dan? X'mexxa dan? X'qatt għamel dan? Qaluli dan kien l-ekonomista ta' dawn Zahra. Din waħda li malli ġie daqsxejn maltemp, "ċupp, ċupp" għalqu. Prosit ħej, imissu jiġrilna bħalu, x'riklam għandna. Issa bħal dan hemm oħrajn, taf. Għandna min hu qiegħed l-Università, bħal Briguglio, qatt ma mexxa xejn ħlief jara biċċa ktieb u jrid jgħidilna kif immexxu l-pajjiż, u jgħidilna li aħna qegħdin nagħmlu kontrolli? Din x'inhi? Min hu dan il-bravu li se jgħallimna illi llum l-Amerika mhux qed tikkontrolla l-affarijiet li għandha bżonn għal pajjiżha? Min hu dan? Issa dan l-iktar pajjiż li għalihom meta ssemmi l-'free enterprise' qisek qed issemmi l-Qalb ta' Ġesù. Free enterprise jiġifieri tħalli lil kulħadd liberu li jmexxi kif irid u kif jogħġbu. Issa kemm hi free din l-enterprise? Ħa naraw. Jekk tieħu s-settur li għandu x'jaqsam ma' l-electronics, jiġifieri l-affarijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-electronics, il-Gvern aqta' kif jikkontrollah "hekk". Għalfejn? Biex jibqa' f'idejn l-Amerikani u ma jmurx jgħaddi f'idejn il-barranin. Jekk tieħu s-settur li għandu x'jaqsam mad-difiża, jiġifieri l-ajruplani kif itiru ħalli joqtlu n-nies u kif tiddefendi ruħek minn dan l-ajruplan ... Mhux hekk biss. Jekk ikollu erba' komunisti l-Amerika lanqas iħallihom joħorġu minn hemm u jmorru r-Russja. Din il-famuża libertà, lanqas iħallihom imorru r-Russja. Għaliex? Għax hekk jaqbillu l-pajjiż. Mela fejn jaqbillu l-pajjiż jikkontrolla, u bla ħniena jikkontrolla. Ara llum, per eżempju, id-dollar, jagħmel minn kollox biex jgħollih. U jistgħu jeqirdu ta' l-Ewropa li se jeqred il-kummerċ u se jeqred lil kulħadd! I'am Yankee, that's okay. U jien se ngħid aħna hekk nagħmlu f'Malta wkoll. Imma aħna m'għandniex l-ipokrezija li ngħidu li ma nikkontrollawx. X'jiġifieri? Aħna nħallu kollox idur? ... Imorru tajjeb kieku nħallu kollox isir waħdu? ... Allura ġie dan, li qabel kien jippoża Kommunista ... u issa f'daqqa waħda qiegħed jgħajjar lill-Gvern Soċjalista għax qiegħed jikkontrolla. X'qed nikkontrollaw li m'għandniex bżonn nikkontrollaw aħna? Jgħidilna waħda u aħna nitilquha minn idejna. F'hiex x'inhi? Aħna m'għandniex bżonn nikkontrollaw is-Central Bank? X'inhuma l-kontrolli li għamilna aħna li ma

*"... jgħajjar lill-Gvern Soċjalista għax qiegħed jikkontrolla! X'qed nikkontrollaw li m'għandniex bżonn nikkontrollaw aħna?"*

kienx qed jagħmel il-Gvern Ingliż hawn bi ħwejjiġna? X'inhuma? Fejn huma il-kontrolli? U kulma jkun hemm bżonn. Kieku aħna llum ma nikkontrollawx il-prezzijiet ... Ejja nibdew b'din. Din waħda mill-kontrolli. Ejja lill-ħaddiem tagħna ngħidulu: Ara, is-Sur Briguglio Kommunista dan, iħobb tant lill-ħaddiema li lilna iridna Gvern Soċjalista, Gvern tal-Ħaddiema nitilqu l-kontroll tal-prezzijiet. Ngħidulu: Aħna ma nafu xejn, injoranti, dan qiegħed jgħallem l-Università, qed igħallem affarijiet li qatt ma pprattika, qrahom mill-ktieb dan. Dan qatt ma pprattika. X'ipprattika? Xejn! Dan l-ieħor qiegħed ma' biċċa fabbrika li falliet, issa forsi jitgħallem minn dik u jipprova jagħmel xi waħda, jgħin xi waħda li timxi 'l quddiem, imma dan x'ipprattika? Ngħidlu: Imma dan qed igħid li jħobb lill-ħaddiema iktar minna, — qed igħid — li aħna l-ħaddiem qegħdin naħqruh u jridna li nitilqu l-kontrolli. U l-ewwel kontroll mela se nitilqu tal-prezzijiet. X'jidhirlek Sur Ħaddiem? Aqta' kif iħaġġruna l-ħaddiema malli l-għada — qegħdin "hekk" biex jgħollu u jisirqu lill-proxxmu tagħhom, igħollu kif ġib u laħaq kif kien isir taħt il-Gvern Nazzjonalista. Aqta' kemm iberikna l-ħaddiem! Din il-kwalità ta' kritika li kellna fuq il-Budget.

## Irridu l-għajnuna ta' kulħadd

"U jien kont qed ngħid li l-industrijalist mhux talli aħna ma għamilnilux ħsara, għax aħna nafu li biex nagħmlu ġid lill-ħaddiem irridu l-għajnuna ta' kulħadd. Aħna rridu l-għajnuna tal-Knisja, ta' kulħadd, ta' kull min irid jagħti l-għajnuna veru. Irriduha! Imma ma nistgħux aħna mmorru ngħidu! Intom Sinjuri tal-Kamra tal-Kummerċ, intom li qegħdin tipplotjaw u tagħmlu ħilitkom kollha biex twaqqgħu dan il-Gvern tal-ħaddiema ejjew fasslu magħna l-futur ta' Malta. Aħna nkunu mġienen jekk nagħmlu hekk. Għaliex? Għax dak mhux ifassal ikun irid. Ikisser. Aħna ma nistgħux immorru ngħidu lil ta' Farsons li dan l-aħħar kitbilna u qalilna: Isma' aħna ma rridux ġlied mal-Gvern, taf, mhux veru. Aħna li rridu hu li jekk ikun hemm xi ħadd minn barra u qala' xi wieħed aġent tiegħu dan, u bidlu, aħna nipproteġuh u nagħmlu bojkott lil dawk l-affarijiet ta' barra. U jien ngħidlu: Imma għaliex dak ta' barra jkun qala' lil dan l-aġent? Ikun qalgħu lil dan l-aġent għax mort inti u offrejtlu xi ħaġa kif tagħmlu s-soltu biex aġent jaqla' ieħor 'il barra? Għalhekk kien qalgħu? Ara kieku kien qalgħu għalhekk, intom ma tingħaqdux flimkien biex tgħinuh lil dak li jkun mar xtara lil ta' barra, ħalli jeħodlu d-ditta. Dan għal ta' barra. Jekk iriduna ngħiduhom dawn l-affarijiet, nafuhom aħna, waħda wara l-oħra, kif wieħed għax għandu biċċa aġenzija tajba jmur l-ieħor igħidlu: Inti agħtiha lilna u ngħaddilek Lm3,000, Lm4,000 minn taħt. Għalhekk ikunu qalgħu? U inti minn dik inhar meta kienu jagħmlu hekk ta' barra ma tkellimt xejn, issa għax ta' barra jaf li jekk il-prodott tiegħu mhux se jiġi fuq ix-xandir, il-ħaddiem tal-General Workers' Union jgħidlu: Inti sieħeb għandek id-dritt li ma ġġibx fuq ix-xandir, imma jien għandi dritt ukoll li jekk trid dan iġgorru inti għax jien mhux se nġorrhom l-affarijiet tiegħek.

"Allura ta' barra x'qed igħid? Qed igħid: Isma' jien naf li l-affarijiet tiegħi mhux se jimxu f'Malta jekk mhux se nibdlek inti sur injorant li ma waqaftlux lill-Partit Nazzjonalista għax ma waqaftlux mill-bidu u għidtlu: Isma' aħna m'hu se jimpurtana xejn mill-bojkott tiegħek. Allura jien se nibdel u se nagħmel lil ħaddieħor. U jien ngħidlu lil min qed jiltaqa' u qed jagħmlu hekk: Intom tistgħu tagħmlu bojkott magħna u kemm nistgħu nagħmlu affarijiet imbagħad biex nirrispondu għall-bojkott tagħkom, kemm se tibki tagħha din jekk veru se tidħol fiha, kemm se tibki! Aħna lilkom s'issa, lil dawk li qed jagħmlu bojkott għax beżgħu minn Nazzjonalisti jgħidu ma għamilnilhomx bojkott aħna għax aħna ngħidu: Għalfejn dan? X'hemm għalfejn dan? Imma jekk imbagħad sejjer tgħidli li se tasal ukoll biex min qed ixandar inti l-affarijiet tiegħu mhux se tħallihom jimxu fil-pajjiż, u inti mhux iktar Partit Nazzjonalista imma inti l-Kamra tal-Kummerċ, inti l-Federation of Industries, inti dawn l-affarijiet kollha, jien allura se ngħidlek: Din gwerra totali, din se nagħmluha u se nkompluha u se naraw li jew intkom jew aħna se nitkissru. Għalhekk qed nitkellmu ċar issa u jien naħseb li intkom li intkom m'għandkomx dubbju biex tkunu tafu min se jitkisser. Għax aħna meta jkollna raġun niġġieldu u nibqgħu niġġieldu

> ***"Aħna s'issa kellna ħafna ġlied kbir.... u għax kellna raġun u għax imxejna sew u għax il-poplu Malti kien warajna, aħna rbaħna!"***

sakemm nirbħu. Aħna s'issa kellna ħafna ġlied kbir mhux ma' Farsons, għalina m'hu xejn dan, mhux ma' Gasan, dawn m'huma xejn dawn, aħna kellna l-ġlieda mal-Gvern Ingliż, kellna ħafna ġlied insomma u għax kellna raġun u għax imxejna sew u għax il-poplu Malti kien warajna rbaħna. Aħna jidhrilna li l-poplu Malti f'dawn l-affarijiet warajna jkun.

"Aħna din is-sena għaddejniha bit-tfixkil kollha li dawn li waqt li bil-kliem jgħidu li jridu jgħinuna, bil-fatti kienu jiltaqgħu dawn u kienu jgħidu: "Jaħasra, ejja nġibu l-paċi." Kienu jgħidu: "Jaħasra għamlu paċi intkom u l-Oppożizzjoni". X'kienet il-paċi li riedu dawn? Ħa nkun naf jien, x'kienet il-paċi li riedu? Il-paċi li riedu kienet li aħna li qegħdin hawn-hekk biex naqdu dmirna mal-poplu tagħna skond il-Kostituzzjoni ta' pajjiżna, inwarrbu u minflokna jkun hawn il-baħħ? Għax baħħ jkun hawn minflokna! Ħalli nfiehem bil-mod u bil-kwiet jien. Tajjeb li dawn jifhimhom anke l-iktar wieħed injorant li hawn f'pajjiżna. Ejja aħna nimmaġinaw li sentejn ilu meta dak — qed ngħid għal Kap Nazzjonalista u għal sħabu — bit-theddid kollu, bl-affarijiet l-aktar moqżieża, bl-aktar insulenzi, bit-telefonati sitt darbiet, għaxar darbiet id-dar ibeżżgħuna li ser jkissruna, li se jduru għalina u dan kollu, aħna bżajna dak inhar u għidna mela aħna mhux se nifformaw Gvern. Dak kien jiġi fil-Parlament ... Aħna nafu naħdmu dawn l-affarijiet bizzilla aktar minnu, allaħares kellna nagħtuh l-parir aħna kif għandu jaħdem, tara kemm ifixkel iktar imma! Ejja nimmaġinaw. Ngħidlu waħda jien; dak inhar smajna minnek u aħna konna ġifa, bżajna, bżajna minn dan il-ħafna theddid tiegħek, minn dawk il-ħafna li kellek tal-ġakketta blu li anke lill-Pulizija bdew jheddu u jgħidulhom: Issa taraw x'se nagħmlulkom nhar it-Tnejn, kif se nkissrukom. Il-faxxisti kienu jistennew li l-Pulizija jinsolentawhom wara li jkollhom il-Gvern f'idejhom, dawn qabel ma kellhom il-Gvern f'idejhom! Id-demokratiċi kollha ta' dawn! Ejja nimmaġinaw dak inhar bżajna aħna, insomma daqsxejn kbira li nibżgħu, u konna niġu fil-Parlament u konna nħalluh iġib l-ewwel estimu tal-flus hawn u aħna qegħdin 33, u huma qegħdin!!! Inwaqqgħuh u jkun għamel xahrejn dan. U nerġgħu niggvernaw aħna. Għax aħna għandna l-maġġoranza tal-Membri. Allura dan għalfejn konna se nagħmluh dak inhar? Mhux biex inġibu t-taħwid fil-pajjiż? Ejja nimmaġinaw issa li hu mhux hekk kellu f'rasu imma kellu f'rasu li aħna mhux se niggvernaw u jidħol hu. Kif jista' jżomm jekk ma jagħmilx dittatura hu imbagħad? Hemm tiġi d-dittatura għax mingħajr maġġoranza fil-Parlament u jiggverna dan. Hemm tiġi d-dittatura. U dak li kellu f'rasu dan. Dan li kellu f'rasu. Mhux kostituzzjoni li għamilha hu stess magħna qed igħid waħda mill-elezzjonijiet l-iktar li saru fair ... Issa ħalli milli qed igħid 'jerry mandering' u mhux 'jerry mandering' dak sar quddiemu, qatt ma qal xejn fuqu u l-ikbar ċertifikat li għandna kien meta hu fil-Parlament hawn qal: Għamlu li tridu għax se nirbħu xorta. Daqshekk għamel dan. Issa mbagħad kif ġiet l-elezzjoni huma u dak li ġabu minn barra sħabu, dawk li tawħ dawk il-flus kollha biex jixtri kemm hawn ħallelin, dawk li tawħ dawk il-flus kollha biex jaċċerta lil dawn l-industrijalisti li qegħdin "hekk" biex jieħdu f'idejhom Air Malta, Sea Malta u dak kollu li għandu l-poplu f'idejh, dak li tawh it-television station ta' l-Italja, ta' Sqallija, dawk li tawh il-flus kollha biex jixtri l-każini, dawk ma waslux u baqgħu mnixxfin kif dan il-Gvern Soċjalista għamel dan it-taqlib kollu f'Malta, ilu jiggverna 12-il sena u dawn, bl-għajnuna kollha ta' dawn il-gvernijiet warajhom, ta' dawn il-qabda sinjuruni ma kenux kapaċi wara dawn is-snin kollha jġibu maġġoranza ta' siġġijiet f'dan il-Parlament. Mela x'ried dan? Ħaġa waħda ried. Ried li jkissirha din id-demokrazija għax mhux il-kliem, il-fatti jgħodd.

## Vjolenza

"Inti kif tista' xi ħadd jemmnek li trid tirbaħ mingħajr vjolenza jekk fl-istess ħin li qed tgħid hekk ġol-headquarters tiegħek — għax qalulna sħabu stess ħa ngħidha issa darba għal dejjem lill-poplu Malti. Aħna l-Pulizija, l-informazzjoni minn nies tiegħu stess saret tafha. Kieku fejn jafu l-Pulizija jekk tmur tiftaħ it-tali ħajt se ssib l-armamenti?! Kif jafu dawn?! Kif kienu jafu l-Pulizija li jekk titla' fuq il-bejt se ssib il-bombi Molotov — il-Molotov cocktails?! Kif jafu dawn! U li qalulhom sabu, li qalulhom sabu. Kif kienu jafu l-Pulizija li jekk imorru għand wieħed li aħna mingħalina qed jagħmel il-kummerċ għal

> ***"Il-Gvern Soċjalista għamel dan it-taqlib kollu f'Malta, ilu jiggverna 12-il sena u dawn, bl-għajnuna kollha ta' dawn il-gvernijiet warajhom, ta' dawn il-qabda sinjuruni ma kienux kapaċi wara dawn is-snin kollha jġibu maġġoranza ta' siġġijiet f'dan il-Parlament"***

barra u jżomm li 'stores' biex jagħmel il-kummerċ għal barra — barra li kien qed iżomm li 'stores' dan ħalli jaqdi lin-Nazzjonalisti bit-trakk u mhux trakk — ukoll imbagħad insibulu dawn il-'machine guns' u dawn l-affarijiet kollha?! Dan liema hu l-Partit fl-Ewropa li se jemminhom li dawn huma, il-kbar, ma kenux jafu bihom dawn l-affarijiet. Min? Aħna se nemmnuhom? Aħna kif nistgħu nemmnuhom li waqt li qed igħidu li ma kienux jafu bihom, imbagħad insibu li kull wieħed li l-Pulizija jinterrogaw, jiflu, isaqsuh, ħalli jaraw fuq dawn l-affarijiet għandu l-ordni mingħand id-Deputy Leader tal-Partit Nazzjonalista li mal-Pulizija ma jitkellem xejn. Ma jgħid xejn mal-Pulizija! Jien nista' nemmnu lill-Kap tal-Partit Nazzjonalista li bis-serjetà ma jridx vjolenza f'dan il-pajjiż, li bis-serjetà jrid li naħdmu d-demokrazija flimkien jekk fl-istess ħin hu ma jgħinnix lili ħalli naqbad lil dawk li ġabu dawn l-armamenti f'pajjiżna! Dan jista' jgħid li hu Malti, igħid li hu ma jafx bihom u fl-istess ma jgħinx allura, jekk ma jafx bihom, ħalli jien naqbad lil min ġabhom hawn dawn! Min ġabhom dawn? Dan biex iġġib armamenti dik il-kwalità minn barra trid iġġibhom, dawn ma sarux Malta . U minn barra min hu dan il-pajjiż allura li għandu dan l-interess kollu li f'Malta ma tibqax id-demokrazija, li f'Malta ma jibqax Gvern Soċjalista? Min hu dan? Kemm igħidu li r-Russi jibagħtu armamenti! Min hu issa dan il-pajjiż? Aħna rridu nafu u nkunu nafu biż-żmien u meta nkunu nafu, inxandruh mad-dinja kollha. Ngħidulu: Ajma ħej x'nies intom li bgħattu dawn l-armamenti, aħna qatt ma għamilnielkom xejn f'Malta, ħlief ġid lilkom, iġġelidna l-gwerra għalikom, għamilna l-affarijiet kollha għalikom u issa se tibagħtulna dawn ukoll biex joqtlu lin-nies tagħna?! Jien ngħidlu: Kif, intom għandkom dan il-wiċċ li tersqu quddiem il-President u tgħidulha: — (għax issa hekk wasalna) — Jekk jogħġbok għenna ħa nagħmlu paċi! Mhux huma jridu jagħmlu paċi dawn?! Aħna rridu nagħmlu paċi?! X'għamilnielhom aħna?! Aħna għandna l-maġġoranza, qegħdin immexxuh dan il-pajjiż, qegħdin immexxuh bit-tfixkil kollu kontra tagħna, bil-gideb kollu li sar kontra tagħna . . .

## Turiżmu

"Aħna qed ngħidu li hemm sinjali ċari li s-sena li ġejja tkun aħjar minn din is-sena. Per eżempju, fit-turiżmu, kulħadd igħidli l-aġenti li s-sena li ġejja tidher aħjar minn dik li għaddiet. Kemm se tkun aħjar ma nafux, imma kulħadd igħid li s-sena li ġejja se tkun aħjar minn dik li għaddiet. Jien fuq dawn irrid noqgħod. Fuq min irrid noqgħod, fuq xi wieħed li jgħidli: 'Jien professur l-Università, igħidli hu dan?! Jien mhux iblah daqshekk. Noqgħod fuq Air Malta li tgħidli: 'Jidher li se nkunu aħjar', noqgħod fuq aġenti oħrajn li jġibu dawn it-turisti Malta . . . Fuq dawk u dawn is-sinjali li hemm. Mhux dan biss għandna s-sinjali favur tagħna. Għandna sinjali favur tagħna fl-ordnijiet għall-industriji, għandna sinjali favur tagħna għax aħna nistgħu nbaxxu l-prezzijiet is-sena li ġejja, allura tat-turiżmu jistgħu wkoll ibaxxu l-prezzijiet u għandna sinjali ferm aħjar minn dan favur tagħna għax f'dawn l-aħħar tliet xhur, erba' xhur ġew ħafna biex jinvestu f'Malta. U jekk ma wasalniex għax ma ridniex aħna, għax għadna ma ġibniex it-terms li rridu aħna. Mhux se nsemmi llum. Min għandu l-kurżità jmut biha. Jien inħobb insemmi l-affarijiet meta jkunu fatta. Imma jien nista' ngħid din: Illi apparti mill-privati, li qed jiġu u ma ftehimniex magħhom għax ma qbilniex fil-prezz . . . Għax aħna — se ngħid — il-poplu Malti mhux qed imut bil-ġuħ. Jien l-aħjar prezzijiet inġib, għall-affarijiet tal-poplu Malti. Min ma jridx ma jiġix 'l hawn. Mal-privat u ma' gvernijiet, ma kulħadd. Mhux biss aħna qed ngħidu lill-privat hemm min irid jagħmel hekk. Aħna nafu li ċ-Ċekoslovakkja, per eżempju, se jinvestu magħna fuq industriji oħrajn; aħna nafu li l-Bulgarija diġà ftehmu li jagħmlu xi xogħlijiet magħna; aħna nafu li l-Gvern tal-Libja diġà għamel xi kuntratti magħna biex nagħmlulhom xi xogħlijiet hemmhekk, jagħmluhomlhom il-Maltin. Jien inħeġġeġ lil dawn li huma 'free enterprise' u mhux 'free interprise', ngħidilhom: Kif aħna nagħmluhom u intom m'intomx kapaċi?! Kif il-pajjiżi tad-dinja kollha, jekk tieħu l-Ingliżi, għandhom il-'free enterprise' tagħhom jaħdmu ġol-Libja, allavolja l-Gvern tagħhom miġġieled mal-Libjani? Kif it-Taljani għandhom id-ditti privati tagħhom jaħdmu ġol-Libja, allavolja l-Gvern tagħhom ma tantx

*"Aħna qed ngħidu li hemm sinjali ċari li s-sena li ġejja se tkun aħjar minn din is-sena. Kemm se tkun aħjar ma nafux, imma kulħadd igħid li s-sena li ġejja se tkun aħjar minn dik li għaddiet. Jien fuq dawn irrid noqgħod mhux fuq xi wieħed li jgħidli: 'Jien professur ta' l-Università'"*

hu ħabib mal-Libjani? Kif l-istess il-Franċiżi; kif l-istess il-Koreani; il-Ġappuniżi . . . u intom bil-free enterprise kollha, bilfors tridu tisirqu xi ħaġa minn hawn?!

"Morru hemmhekk, aħdmu hemmhekk! Mhux irridu mmorru aħna, imbagħad meta nkunu lestejna kollox tridu tirkbu! Morru! Hemm ix-xogħol. Morru qliegħ hemm. Mhux hekk biss, hemm qliegħ u xogħol, aħna għandna ftehim mal-Libja li ħaddieħor m'għandux, li t-Taljani m'għandhomx, aħna għandna ftehim li dak li nixtru mingħandhom se jixtru mingħandna. Lanqas it-Taljani m'għandhom dawn. Allura x'għajnuna iktar minn hekk tridu mingħandna? Meta m'għennikomx lilkom, min ġie minkom, xi ħadd, wieħed, igħid: "Jien kont sejjer barra minn Malta u l-Gvern tiegħi m'għennix?" Min, f'hiex m'għennihomx dawn, allura għax ma jagħmlux dan? Aħna rridu nagħmlu kollox? Imbagħad, fuq kollox, tgħajjarni lili għax tgħidli: Trid tindaħal f'kollox! F'hiex indħalt int u warrabtek jien, f'hiex? Igħid xi ħadd minnhom dawn. Aħna jekk għamilna l-industriji, meta jridu jixtruhom l-industriji dawn? Meta issa qed jaqilgħu ħafna flus? Inti issa? U jien il-kuxjenza lili tagħtini l-ewwel inkun issugrajt il-flus tal-poplu, meta mbagħad tiġi tajba l-frott nagħtih lilek? F'hiex żammejnihom dawn, fejn huma l-industriji li ma ħallejnihomx dawn, f'hiex? Meta kien hawn l-Ingliżi x'kienu jħalluhom jagħmlu l-Ingliżi? Xejn. Kienu jżommu kollox għalihom u għan-nies tagħhom. Allura għaliex kull darba jdaħħlu din fin-nofs li aħna qed neħdulhom ix-xogħol? F'hiex qed nieħdulhom ix-xogħol, u fejn m'għandhomx spazju, min qal li m'għandhomx spazju, min qal li m'għandhomx spazju? Fix-xiri minn barra? Għadna l-affarijiet, nofshom, jinxtraw mill-privat, iktar minn nofshom jinxtraw mill-privat. Fl-industriji? Tridx jidħlu magħna għada u nagħmlu industrija flimkien? Imma nibdew flimkien u mhux l-ewwel nerfa' jien dan, imbagħad wara jgħidli: Issa, jien bi sħab miegħek. Ngħidlu: inti agħmel xi ħaġ'oħra, għandna bżonn għal kulħadd, għad fadlilna nies x'jaħdmu, għandna flus x'nimpjegaw.

## Xogħol u Riżervi

"U tajjeb li l-poplu Malti jkun jaf illi jekk hemm ir-riżervi, dawn ir-riżervi mhux qegħdin hemmhekk u ma jagħmlu xejn. Min qal li ma jagħmlu xejn? Tajjeb li nitkellmu fuqha din. Aħna għandna riżervi. Xi jfisser riżervi? Ġemmajna għal meta jinqala' l-bżonn. U x'qed jagħmlu dawn ir-riżervi, x'inhuma jagħmlu dawn? Dawn qegħdin hemmhekk qisu xi ħadd qiegħed jistenna fil-queue sakemm ngħajjatlu? Aħna jekk illum għandna Lm400 miljun riżervi, ta' dawn jien qed indaħħal — ("jien" il-poplu Malti, jien għax nitkellem għall-poplu Malti, il-bqija m'għandi xejn tiegħi) — aħna qegħdin indaħħlu iktar milli ndaħħlu mill-income tax kollha f'dawn. Jekk nikluhom dawn kif se ddaħħal iktar mill-income tax imbagħad? Aħna r-riżervi huma siġra kbira u qed naqtgħu l-frott minn din is-siġra, diżgrazzjatament għalina mhix tikber f'pajjiżna din is-siġra għax bilmod biex inkabbru dak kollox f'daqqa, diżgrazzjatament għalina. Biż-żmien qed nagħmluh.

*"Aħna għandna ftehim mal-Libja li ħaddieħor m'għandux, li t-Taljani m'għandhomx. Aħna għandna ftehim li dak li nixtru mingħandhom huma se jixtru mingħandna."*

"Ara, kellna ċans aħna illi nixtru l-ajruplani. Meta qatt f'pajjiżna nefaq ma' xi Lm23 miljun f'daqqa hekk biex nixtru l-ajruplani, meta? 23 miljun baqqa kellna f'pajjiżna qabel ma tlajna aħna, mela Lm23 miljun biex nixtru l-ajruplani! Meta qatt pajjiżna aħna stajna ngħidu: Ejja nagħmlu l-Port ta' Marsaxlokk u se nonfqu Lm35 miljun, (lanqas naf kemm, imma nġibuhom il-flus, tikkonfondux). Meta? 35 miljun bergħut kellna f'pajjiżna mhux Lm35 milljun biex nagħmlu l-Port ta' Marsaxlokk! Dawn kollha riżervi u l-affarijiet li għandna. Imma ma nistgħux nagħmluhom f'daqqa dawn. Kemm nifilħu nagħmlu aħna u kemm qed tgħinna din l-industrija privata biex nagħmlu affarijiet? Xejn. Tfixkilna, titfgħalna l-ktajjen ma' saqajna. U x'qegħdin ngħidu lill-poplu tagħna aħna f'din l-aħħar tas-sena? Qegħdin ngħidulu: Poplu Malti ifraħ illi minkejja dan it-tfixkil kollu aħna qbiżna sena, bit-tbatija inqas min ħaddieħor u se nidħlu f'sena oħra illi jekk naħdmu bil-għaqal se nkunu ferm aħjar minn din is-sena. U qed ngħidulu hekk mhux addoċċ għax kieku konna nkunu rġiel biżżejjed u ngħidulu: Isma', il-maltemp għadu ikbar, irridu nagħmlu sagrifiċċji iktar.

"Imma għaliex għandna nwerwru lill-poplu tagħna għalxejn? Għaliex għalxejn? Min qiegħed iwerwru, għaliex qiegħed iwerwru? Biex hu jitfa' d-dnub fuq il-Gvern. X'qed igħid dan? Qed igħid: Il-Gvern mar ħażin għax magħna ma jridx jiftiehem. Ma' min aħna ma rridux niftehmu? Ma' ta' Farsons ma rridux niftehmu? Aħna lil Farsons offrejnielu biex flimkien nagħmlu industrija ħalli minflok inġibu l-Pepsi-Colas u dan il-ħafna 'rubbish' li jġibu minn barra, nagħmlu prodotti oħra ta' Malta. Filli ftehimna, filli ma ftehimx, filli beża' . . . Jien qed ngħid: Kemm għidna il-lejla li dawn iridu jiġġieldulna. Jagħtuna l-provi għada li jridu jaħdmu id f'id magħna biex taraw kif isibuna lilna l-aqwa ħbieb. Min hemm industrijalist fosthom li meta mexa id f'id magħna, ma tajniehx ir-rispett kollu? Aħna tajnieh lil kulħadd, ir-rispett kollu. Tajnieh ukoll il-glorja kollha. Dan min? Min hemm li għenna u ma għollejnihx quddiem il-poplu. Min hemm? Aħna noboghdu lil xi ħadd? Għalfejn noboghduhom lil dawn? Min qal li noboghduhom? X'qed ngħidulu lill-poplu tagħna aħna? Qed ngħidulu: Ara, aħna s'issa bik warajna għaddejna u għamilna ħafna affarijiet. Mhux se nibżgħu biex is-sena li ġejja, dawn l-għedewwa li għandna, niffaċċjawhom. Għax ilna niffaċċjawhom. Qed ngħidu lill-poplu tagħna: Kun af li jekk in-Nazzjonalisti veru bis-serjetà, jagħtuna provi li huma jaċċettaw il-Gvern li tpoġġa hemmhekk skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u ma joqogħdux igħidu: Għax dan illeġittimu u dan hekk. Aħna m'aħna illeġittimi xejn. Illeġittimi l-bgħula u aħna m'aħnix bgħula. Aħna t-tfal tal-Kostituzzjoni li tfasslet flimkien u nimxu skond hi u nibqgħu nimxu skond hi sakemm ma ssirx oħra. Mela aħna qed ngħidulhom: Jew se taċċettaw din u se tagħtuna l-għajnuna kollha biex min żelaq u min għamel minn kollox biex din ir-Repubblika tagħna tinqered — (u jien qed nirreferixxi għal dawk li daħħlu l-armi fil-pajjiż, għal dawk li sibnielhom l-armi u aħna m'aħniex boloh, dawn ma ġewx waħedhom.) Jekk tgħinuna u tgħidulna minfejn ġew, jekk tgħinuna biex aħna nkunu żguri li intom bis-serjetà qed tgħidu li ma tridux vjolenza, aħna lesti li nerġgħu nibdew nitkellmu. Mingħajr din l-għajnuna, aħna issa din l-aħħar waħda u aħna se nimxu mingħajrkom u nkomplu mingħajrkom u intom tistgħu tkunu ċerti li sa elezzjoni oħra tkunu sparixxejtu minn dan il-pajjiż. Għax diġà qed jonqsulkom in-nies. Aħna dan jiddispjaċina tiegħu għax aħna rridu demokrazija parlamentari. Aħna nippreferixxu li jkun hawn żewġ partiti u t-tnejn iħobbu 'l Malta. Aħna ma nistgħux ngħidu li għandna demokrazija li minflok nippikkaw bejnietna, minn min minna igħin l-iktar lill-pajjiż, ħalli l-pajjiż ikollu minn fejn jagħżel, ikun hemm partit li jrid jagħmel ħsara lil Malta ħalli mbagħad il-Gvern jidher ikrah biex jiġi hu minfloku. Għax allura jekk huma jagħmlu hekk, imbagħad nibdew nagħmlu aħna hekk meta nkunu fl-Oppożizzjoni u minflok f'pajjiżna jkollna demokrazija biex tgħin lill-pajjiż, ikollna demokrazija biex tkisser lill-pajjiż. Il-poplu Malti żgur li ma jridx din il-kwalità ta' demokrazija. Hadd ma jridha. Mela din demokrazija?

"Mela jekk tmur l-Ingilterra, l-Ingilterra qatt rajna aħna xi oppożizzjoni . . . Fl-aħħar waħda, f'tal-Falklands. Jekk kien hawn gwerra bla sens, gwerra li ma kienx hemm għalfejn jiġġielduha l-Ingliżi, gwerra li minnha ma ħadu xejn, kienet tal-

***"Jagħtuna l-provi għada li jridu jaħdmu id f'id magħna biex jaraw kif isibuna l-aqwa ħbieb."***

*"Aħna xejn! Kull każ li għandu x'jaqsam ma' Malta, l-Oppożizzjoni dejjem kontra l-Gvern – dejjem, dejjem!"*

Falklands. B'danakollu ngħaqdu. Għaliex? Għax allaħares inqasmu f'dawk iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż. Ingħaqdu. Aħna xejn, kull każ li għandu x'jaqsam ma' Malta, l-Oppożizzjoni dejjem kontra l-Gvern — dejjem, dejjem. Allura, kieku mbagħad jerġa' jsir hekk, kieku aħna . . . Hemm Oppożizzjoni li llum wasalna biex sibnielha l-armi ġewwa l-Headquarters tagħha. Liema partit fl-Oppożizzjoni li m'huwiex favur il-vjolenza fl-Ewropa se ssiblu l-'cocktails'? Lanqas id-Demokristjani. Il-gruppi terroristiċi fl-Italja, il-Brigate Rosse, għamlu raid ġewwa l-Headquarters tal-Partit Demokristjan, u niftakar (għax aħna kumbinazzjoni l-uffiċċju ta' l-Ambaxxata, huma qegħdin taħt u aħna qegħdin fuq) daħlu dawn, kissru kollox, lanqas kellhom biex jiddefendu ruħhom dawn id-Demokristjani — li kienu fil-Gvern dawn — lanqas kellhom biex jiddefendu ruħhom b'mus biss. U ħarbtu kollox u għamlulhom kollox u ma kellhom biex jiddefendu ruħhom b'xejn. Allura kif se jemmnuhom dawn id-Demokristjani li dawn kellhom bżonnhom biex jiddefendu ruħhom? Mela hawn xi ħadd jiddefendi ruħu bix-shot-guns maqtugħin "hekk"? Issa shot-guns maqtugħin "hekk" agħar milli jkollu azzarin dan, bil-kanna maqtugħa, agħar. Dan biex joqtol lin-nies kien mhux biex jiddefendi ruħu. Min se jemmen li se jpoġġu l-affarijiet, in-Nazzjonalisti. Saħansitra sibna hemmhekk ukoll l-inċiera blu tagħhom ta' l-elezzjonijiet — u fin-nies li jaħdmulhom se jsibu . . . u se jemmnu li dawn mhux favur il-vjolenza! Jagħtu l-provi issa. Juruna li hemm bis-serjetà, u jien naċċertahom li s-sena l-ġdida tara l-paċi. Aħna lesti biex nestendu l-id tal-paċi, min hu bis-serjetà. Imma issa rridu narawha din is-serjetà. Issa rridu narawha din is-serjetà u issa rridu nieħdu l-passi kontra dawk kollha li ġabu dan il-periklu f'Malta. Il-poplu tagħna dan jistennih; il-poplu tagħna jippretendi mingħandna li dan ma jerġax jiġri f'pajjiżna, u biex ma jerġax jiġri f'pajjiżna, min hu ħati jrid ipatti tiegħu dan. U jekk ma jgħinuniex biex nagħmlu dan, allura mhux veru li jridu li tinqered il-vjolenza minn dan il-pajjiż, mhux veru li huma jridu li f'Malta ma jkollniex vjolenza, mhux veru li huma jridu d-demokrazija f'Malta. U aħna nafu x'ngħidulu lill-poplu tagħna biex nirranġaw l-affarijiet, nafu imma ma nixtequhx dan. Nixtiequ li huma wkoll, is-sena id-dieħla jagħtuna dawn il--provi, huma wkoll jimpikaw magħna min l-iktar ġid se jagħmillu lill-poplu Malti, huma wkoll jagħtu l-parti tagħhom u lilna jsibuna lesti biex nirranġaw kollox għall-aħjar, għall-aħjar mhux għall-agħar. Aħna għalhekk mit-tajjeb irridu mmorru għall-aħjar. Aħna qatt m'għidna li l-Kostituzzjoni li għandna hija perfetta. Min qalha din? Qatt m'għidna li ma rridux intejbuha. Għidna: Ejjew fil-Parlament, nagħmlu bis-sistema li hemm fil-Kostituzzjoni, naħdmu flimkien u nirranġawha.

## L-ikbar appell

"Jien ċert li dan l-ikbar appell li l-poplu Malti jixtieq li nagħmel, mhux lill-Oppożizzjoni biss, lil dawk kollha li fixklu lil dan il-pajjiż s'issa. Jien ċert li sħabi u l-poplu Malti warajja meta ngħidilhom, li bikom aħjar milli mingħajrkom; bikom aħjar milli intom kontra tagħna. Bħalma jien ċert li l-poplu Malti wkoll iridni ngħidilhom, imma mbagħad jekk ma tridux, aħna se nimxu mingħajrkom, għax imxejna f'dawn iċ-ċirkostanzi tant iebsa fid-dinja, aħseb u ara issa meta l-affarijiet jidhru, . . . . jidhru, għax jien fuq kollox ma nistax ngħid li bħalma ħadu volta għall-aħjar ma jistgħux ukoll jieħdu volta għall-agħar. Biex ħadd għada ma jgħidli: Isma', inti għidtilna ċerti li . . . . Ma nistax ngħidu dan. Jien qed ngħid x'jidher s'issa. Qed ngħid li dment nibqgħu flimkien kif aħna s'issa il-maltempati nistgħu negħlbuhom aħjar; malli ninqasmu, malli nħallu ssir din il-vjolenza, malli nħallu min iwerwirna; malli nħallu min ibeżżgħana, malli nħallu min jaqsam il-kamp tal-poplu, tal-Moviment Soċjalista, allura se mmorru żgur għall-agħar. Dan li qed ngħid jien.

"Jien nixtieq b'qalbi kollha illi s-sena li ġejja tkun is-sena tal-paċi; is-sena vera tal-paċi. Aħna ilna ma jkollna paċi minn qabel l-1955. Aħna l-paċi ilha nieqsa minn dan il-pajjiż mindu kien hawn partiti li lill-Moviment tal-Ħaddiema ma jġerrhuhx, ma jaħmluhx. Daqstant ilha nieqsa l-paċi. Jekk tiġi, għas-sena li ġejja, tkun waħda mir-rigali li kull wieħed minna japprezza. U nixtiequh dan, bħalma

***"Jien nixtieq b'qalbi kollha illi s-sena li ġejja tkun is-sena tal-paċi, IS-SENA VERA TAL-PAĊI!"***

nixtiequ aħna lill-poplu tagħna kollu — hu min hu issa, dak li qiegħed fil-ħabs, lil dak li qiegħed marid, lil dak li qiegħed imsiefer, lil dak li qiegħed jaħdem bħalissa, lil dak li qiegħed jismagħna, lil dak li jħobbna, lil dak li jobgħodna, lil dak li hu kbir, lil dak li hu żgħir, nixtiequ lil kulħadd li l-ġranet li ġejjin, ikunu ġranet ta' ferħ, ġranet ta' l-hena. Aħna nixtiequ l-ġid kollu lil kulħadd. Anke lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni li m'huwiex hawn, anke lill-Membri l-oħra, ġid nixtiequlhom lil dawn kollha. Nixtiequlhom ġid, ma nixtiequlhomx deni. U nixtiequlhom il-festi t-tajba bħalma nixtiequ lil dawk kollha li għenuna fis-sena li għaddiet, sena ta' taħbit, sena iebsa, u bħalma ngħidulhom ukoll, inħabbru hawnhekk linnies tagħna, lil dawk li jiddependu mill-Gvern li nhar it-Tnejn, biex inpattu li l-Milied u l-Ewwel tas-Sena se jiġu t-tnejn nhar ta' Ħadd, mela nhar it-Tnejn se tkun festa. Jiġifieri l-Boxing Day se tkun festa wkoll. U wkoll nhar il-Ġimgħa minflok il-ħaddiema jibqgħu jaħdmu bħas-soltu, jieqaf ix-xogħol fit-3.00 p.m. biex imbagħad jekk iridu jagħmlu parties u affarijiet oħrajn ikunu jistgħu jgħmluhom wara dawk il-ħinijiet. Aħna ma rridux u ma nistgħux li nħalltu l-ħinijiet tas-soltu ma' parties u affarijiet hekk. Imma l-bqija dan qed ngħiduh il-lejla. Nixtieq nirringrazzja lil kulħadd speċjalment lill-poplu Malti li ħa paċenzja li jismagħni għal dan it-tul kollu li ħadt."

Ippubblikat mit-Taqsima tat-Tagħrif — Stampat fl-Istamperija tal-Gvern